MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1221/2002/1

**MiddleSea Insurance plc**

**Vs**

**Aronne Camilleri.**

**It-Tribunal :**

Ra l-Avviz prezentat fl-10 ta' Mejju, 2002, mis-socjeta' attrici MiddleSea Insurance plc kontra l-konvenut Aronne Camilleri.

Ra l-fatti allegati mis-socjeta' attrici, u cioe', li skond hi l-konvenut Aronne Camilleri huwa debitur lejha fis-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin u disa centezmi (Lm220.09) rappresentanti danni li sofriet meta l-imsemmi konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura numru KAH 312 fid-9 ta' Ottubru, 2000, gewwa Santa Vennera, habat mal-vettura numru JSP 100 propjeta' ta' Joseph Petroni w ikkaguna danni f'din l-istess vettura, liema incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan

tieghu kien wiehed negligenti w traskurat. Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ ittra ufficcjali datata 25 ta’ Gunju, 2001, kontra l-konvenut, u ta’ ittra ufficcjali ohra prezentatha kontestwalment ma’ l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Aronne Camilleri datata 3 ta’ Gunju, 2002, li biha eccepixxa illi (**1**) l-incident de quo ma garax tort tieghu izda htija ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici Joseph Petroni li kien qed isuq il-vettura numru JSP 100, (**2**) illi ghalhekk ma hemmx danni x’ jigu likwidati favur is-socjeta’ attrici, u, fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ attrici ghandha ggib il-provi tad-danni, (**3**) illi inoltre ma hemmx lok ghal kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ danni favur is-socjeta’ attrici, u (**4**) salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.

Semgha bil-gurament x-xhieda kollha prodotti, u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA** :

Illi dan il-kaz jirrigwarda habta bejn zewg vetturi fid-9 ta’ Ottubru, 2000, f’ Santa Vennera, ezattament mar-roundabout li hemm f’ Psaila Street, li tigi fuq ir-Regional Road sejjer ghad-direzzjoni tal-Marsa, u precizament fil-vicinanzi ta’ Saint Philip’s Hospital.

Il-habta kienet bejn il-vettura Citroen-ZX bin-numru JSP 100 misjuqha minn Joseph Petroni li kien gej minn Psaila Street, qed idur mar-roundabout biex jaqbad ir-Regional Road fuq il-lemin tieghu, u l-vettura l-ohra li kienet truck Bedford, deskritt fir-rapport tal-Pulizija bhala ‘Heavy Goods Vehicle’, u li f’ dak il-hin kienet qed iggorr cilindri tal-gass, numru KAH 312, misjuqha mill-konvenut Aronne Camilleri, li kien tiela t-telgha minn naha ta’ l-Imsida biex jaqbad l-imsemmija roundabout.

Bir-rizultat ta' din il-habta, Joseph Petroni sofra danni fil-vettura tieghu ammontanti ghas-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin u disa centezi (Lm220.09), u dan skond kif jirrizulta mir-ricevuti u dokumenti relattivi esebiti fl-atti, u fuq liema ammont ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni jew prova kuntrarja.

Illi skond Joseph Petroni, dan jghid li hu kien gja' skorra cirka nofs l-imsemmija roundabout u kien qed isuq mhux aktar il-barra minn pied mill-curb taghha, meta mix-xellug tieghu ra t-truck tal-konvenut tiela t-telgha gej mid-direzzjoni tal-Imsida, dan baqa' hiereg u qasam ghall-quddiemu b'mod li saret il-habta. Petroni jikkonferma u jaqbel ma' l-isketch tal-habta maghmul mill-pulizija esebit.

Minn naha tieghu, il-konvenut Aronne Camilleri, filwaqt li jikkonferma li dik in-nhar tal-habta, hu kien qed isuq it-truck numru KAH 312 mid-direzzjoni ta' l-Imsida, u tela' t-telgha biex idur mar-roundabout biex jigbed lejn Psaila Street, jghid li f' dak il-hin kien hemm kongestjoni ta' traffiku wieqaf, u dan it-traffiku li kien mar-roundabout fuq il-lemin tieghu, cedielu biex johrog. Hu jghid ukoll li qabel ma hareg, kien waqaf, u hareg biss meta cedielu dan it-traffiku. Jghid li kif kien qed idur mar-roundabout, hass daqqa fuq wara tal-vettura tieghu, u waqaf. Jghid ukoll li qabel ma sehh l-incident, kien ra l-vettura JSP 100 misjuqha minn Petroni u dan kien cedielu.

Illi ghalhekk hemm zewg verzjonijiet kontrastanti tal-habta in kwistjoni. Importanti hu l-fatt li Joseph Petroni jichad li hu kien wieqaf mar-roundabout. Anzi jghid li kien gja' skorra bicca sewwa minnha meta ra lill-konvenut tiela t-telgha minn fuq ix-xellug tieghu, u dan baqa' hiereg u qasam ghall-quddiemu. Jichad li f' xi hin kien ceda biex jghaddi l-konvenut.

Illi dan it-Tribunal hu aktar propens li jemmen u jaccetta l-verzjoni moghtija minn Joseph Petroni milli dak tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet li sejrin jinghataw.

Jigi rilevat li f' dan l-incident ir-'Right of Way' kienet ta' Petroni li indubjament jirrizulta li kien qed idur mar-roundabout. Jirrizulta li propju fit-tarf tat-telgha li minnha kien tiela l-konvenut hemm sinjal li jindika li min tiela dik it-telgha qed javvicina roundabout, u iehor li juri trijangolu li jfisser li dak it-traffiku jrid jieqaf u jghati d-dritta lit-traffiku li jkun qed idur mar-roundabout.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, dan hu kaz car ta' sewqan negligenti w traskurat da parti  tal-konvenut unikament u li Joseph Petroni bla ebda mod ma kkontribwixxa ghall-habta.

Kien l-obbligu tal-konvenut li jieqaf fit-tarf tat-telgha u jhalli t-traffiku kollu li kien gja' mar-roundabout jghaddi qablu. Xejn ma jiggustifika l-manuvra tal-hrug tieghu billi jallega li dak it-traffiku, li kien wieqaf, inkluz Petroni, kien cedielu biex jghaddi hu. Hu kaz car ta' nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Barra mill-fatt li Petroni jichad li hu kien wieqaf u li kien ceda biex jghaddi l-konvenut, kif gja' intqal qabel.

Is-socjeta' attrici hallset id-danni kollha ill-assikurat taghha Joseph Petroni, u dan kif xehed hu, u ma tressqet l-ebda prova kontrarja, u kien propju ghalhekk li hi setghet legalment tagixxi kontra l-konvenut kif fil-fatt ghamlet.

Dwar l-ammont tad-danni li ghandu jigi likwidat u li kien sofra Petroni, kif intqal qabel, dawn jirrizultaw fl-ammont ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin u disa centezmi (Lm220.09), liema danni gew ipprovati ghas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal permezz tal-prova dokumentarja.

Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jirrespingi w jichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jiddikjara unikament responsabbli lill-konvenut Aronne Camilleri tal-habta imsemmija fl-Avviz, jillikwida d-danni sofferti fil-vettura numru JSP 100 fl-ammont ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin u disa centezi (Lm220.09), u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas dawn id-

danni hekk likwidati lis-socjeta’ attrici MiddleSea Insurance plc.

Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficcjali msemmija fl-Avviz, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut Aronne Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------